# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rik. Nru. 1029/20JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1029/20 fl-ismijiet:

**GORT (HOLDINGS) LIMITED** kumpannija reġistrata ġewwa Guernsey bin-numru 42552 hekk kif rappreżentata lokalment għall-fini tal-preżenti proċedura mill-mandatarju speċjali tagħha l-Avukat Dottor Jonathan DeMaria

vs

**TOPAZ LIMITED (C – 65810)**, Marcus Gavin Hannah, Ganado Services Limited (C – 10785) u b'Nota tas-17 ta' Awwissu, 2020, l-Avukat Michael Psaila assuma l-atti in rappreżentanza tas-soċjetà assenti Altima Restructure Fund Limited, kumpannija reġistrata ġewwa l-Cayman Islands bin-numru tar-reġistrazzjoni IC – 281750

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors imressaq fis-6 ta' Awwissu, 2020, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija rikorrenti (minn issa 'l hemm imsejħa "Gort") talbet li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni ħalli l-intimati jitwaqqfu b'urġenza milli: "in kwantu għall-intimati kollha: (i) milli

jgħaddu riżoluzzjoni straordinarja fi ħdan il-kumpannija Maltija Topaz Limited li biha l-istess kumpannija Topaz Limited tiġi xolta u konsegwentement stralċjata; (ii) milli jgħaddu riżoluzzjoni straordinarja li biha l-istess kumpannija Topaz Limited titqiegħed taħt proċedura biex kumpannija tirkupra, u inoltre (iii) milli jżommu laqgħa ġenerali straordinarja tal-kumpannija intimata Topaz Limited imsemmija fl-avviż maħruġ fit-30 ta' Ġunju, 2020, nhar il-Ġimgħa 7 ta' Awwissu, 2020 fis-2.00 p.m.; u (iv) milli joħorġu avviż bil-għan li jiġi konvokat laqgħa ġenerali oħra ta' l-istess kumpannija intimata Topaz Limited bil-għan li l-istess kumpannija intimata Topaz Limited tiġi xolta u konsegwentement stralċjata u/jew titqiegħed taħt proċedura biex kumpannija tirkupra; u, in kwantu għall-intimat Marcus Gavin Hannah biss: (i) milli jaġixxi bħala direttur tal-kumpannija Topaz Limited; u (ii) milli jipparteċipa f'kwalsijasi vot li għandu x'jaqsam mal-krediti tal-*Altima Lenders* imsemmija fl-ittra datata t-23 ta' Lulju, 2020 mibgħuta minn Altima Partners LLP";

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Awwissu, 2020, li bih laqgħet provviżorjament it-talbiet ta' Gort, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-25 ta' Awwissu, 2020;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Awwissu, 2020[1], li bih u fuq talba magħmula minn Gort f'rikors tagħha ta' dakinhar, awtorizzat li n-notifika tal-atti tal-Mandat lill-intimat Marcus Gavin Hannah (minn issa 'l hemm imsejjaħ "MGH") issir bil-meżż maħsub fir-Regolament Komunitarju 1393/07KE;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Altima Restructure Fund Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "ARF") u MGH fis-17 ta' Awwissu, 2020, li biha u għar-raġunijiet hemmhekk elaboratament imsemmija, laqgħu għat-talba ta' Gort billi qalu li ma jeżistux il-ħtiġijiet mitluba mil-liġi biex it-talba tar-rikorrenti tista' tintlaqa'. Bdew biex qalu li, safejn it-talbiet għall-ħruġ tal-Mandat jirrigwardaw lill-intimat MGH, dawn it-talbiet m'għadhomx meħtieġa ladarba MGH tneħħa mill-kariga ta' direttur tal-kumpannija intimata Topaz Limited. Għall-bqija, huma jgħidu li t-talba ta' Gort għall-ħruġ tal-Mandat hija abużiva u illegali, u sar b'ħażen billi, wara li din il-Qorti laqgħet provviżorjament it-talba għall-ħruġ tal-Mandat u sa qabel ma sar l-ewwel smigħ, ir-rappreżentant u sid ta' Gort – Henry Gwyn-Jones (minn issa 'l hemm imsejjaħ "HGJ") – inqeda b'dak il-provvediment biex sejjaħ u żamm laqgħat tal-Bord Topaz biex fihom ittanta jgħaddi riżoluzzjonijiet li jaqblu lilu (bħala "*ultimate beneficial owner*"), u meta ARF ma kellhiex direttur u meta MGH ma kienx għad fadallu setgħat fiha;

[1] Paġ. 147 tal-atti

Rat li kemm il-kumpannija intimata Topaz Limited u kif ukoll il-kumpannija l-oħra intimata Ganado Services Limited, ma ressqux Tweġiba, minkejja li laqgħu n-notifika tal-atti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-25 ta' Awwissu, 2020;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Awwissu, 2020, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li Gort qiegħda titlob li din il-Qorti żżomm lill-intimati milli b'xi mod tittieħed deċiżjoni fi ħdan xi laqgħa ġenerali (ordinarja jew straordinarja) ta' Topaz li tista' tissejjaħ bil-għan li jintalab il-ħlas ta' xi krediti lil azzjonisti tagħha u/jew li, minħabba fin-nuqqas li tista' tħallas djunha, titqiegħed fi proċess ta' stralċ volontarju[2] jew, fin-nuqqas, li titnieda l-proċedura biex kumpannija tirkupra[3];

Tqis li Topaz hija kumpannija reġistrata f'Malta bħala kumpannija privata b'responsabbiltà limitata[4], bis-sede tagħha fl-indirizz tal-kumpannija intimata Ganado Services Limited;

Tqis li Gort hija azzjonist minoritarju ta' Topaz, fi tliet mija u tlieta u erbgħin (343) sehem ordinarju "B" u s-sid waħdien ta' dik il-klassi ta' ishma. Min-naħa l-oħra, ARF hija l-azzjonist maġġoritarju ta' Topaz bi tmien mija u sebgħa u ħamsin (857) sehem ordinarju "A", u sidt waħdenija ta' dik il-klassi ta' ishma. Kull sehem jissarraf f'vot f'laqgħa ġenerali tal-kumpannija, minkejja l-klassi li għandu. Il-kumpannija intimata Ganado Services Limited, sa minn Awwissu tal-2019, hija s-segretarja ta' Topaz[5];

Tqis li Gort hija waħda mill-kredituri ta' Topaz[6];

Tqis li, b'ittra uffiċjali tal-10 ta' Ġunju, 2020[7], ARF interpellat lil Topaz tħallasha s-somma ta' erba' miljun sitt mija u tlieta u għoxrin elf u mitejn

[2] Art. 214(1)(b) tal-Kap 386
[3] Art. 329B tal-Kap 386
[4] Dok "B", f'paġġ. 22 sa 52 tal-atti
[5] Dok "Ċ" f'paġ. 53 tal-atti
[6] Dokti "E" u "ARF2", f'paġġ. 66 u 183 tal-atti
[7] Dok "ARF3", f'paġġ. 189 sa 199 tal-atti

u dsatax-il euro (€ 4,623,219) bħala import ta' *promissory note* maħruġa fis-16 ta' Ottubru, 2014[8], b'liema att ġudizzjarju hija kienet qiegħda tirrendi eżekuttiva l-imsemmija *promissory note* għall-finijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tqis li, fit-30 ta' Ġunju, 2020[9], is-segretarju ta' Topaz bagħat javża lill-azzjonisti ta' Gort li fis-7 ta' Awwissu, 2020, kienet qiegħda tissejjaħ laqgħa ġenerali straordinarja ta' Topaz biex fiha tgħaddi waħda minn żewġ riżoluzzjonijiet għall-finijiet tal-artikolu 135 tal-Att dwar il-Kumpanniji: ix-xoljiment jew stralċ ta' Topaz jew, fin-nuqqas, it-tnedija tal-proċedura biex kumpannija tirkupra. Dan seħħ wara li dakinhar inżammet laqgħa tal-Bord tad-Diretturi ta' Topaz li għadda riżoluzzjoni f'dan is-sens[10], minkejja l-oppożizzjoni ta' Gort li s-saħħa tagħha fil-Bord ta' Topaz timxi mas-saħħa relattiva tagħha bħala azzjonista fl-istess kumpannija[11];

Tqis li fil-11 ta' Awwissu, 2020[12], HGJ (f'isem Gort) sejjaħ laqgħa tal-Bord tad-Diretturi ta' Topaz li fiha ipprova jgħaddi riżoluzzjonijiet, li, madankollu, ma għaddewx minħabba l-oppożizzjoni ta' ARF – li sadattant, ħatret lil Scott Baker bħala direttur minflok MGH – u s-segretarju tal-kumpannija Topaz;

Tqis li Gort, li ressqet din il-proċedura lejliet li kellha tinżamm il-laqgħa ġenerali straordinarja msejħa, issejjes it-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat fuq l-argument li l-imsemmija laqgħa straordinarja u r-riżoluzzjonijiet maħsuba li jgħaddu matulha jikkostitwixxu oppressjoni tal-jeddijiet tagħha bħala azzjonist minoritarju ta' Topaz u l-ħarsien tal-kreditu li hija għandha kontra l-imsemmija kumpannija;

Tqis li, għal dak li jirrigwarda t-tielet (iii) talba kontra l-intimati kollha u t-talbiet kollha indirizzati lill-intimat MGH, jidher li l-ħruġ tal-Mandat ma għadux aktar meħtieġ, għaliex il-proċediment huwa eżawrit bil-ġrajjiet li seħħew minn dakinhar li tressqet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat sallum;

Tqis, f'linja ġenerali, li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[13];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-

[8] Dok "ARF6", f'paġġ. 318 sa 324 tal-atti
[9] Dok "A". f'paġġ. 17 – 9 tal-atti
[10] Dok "D", f'paġġ. 54 sa 64 tal-atti
[11] Ara Klawsola 14(a) tal-Istatut ta' l-Assoċjazzjoni ta' Topaz, f'paġ. 43 tal-atti
[12] Dok "ARF11", f'paġġ. 345 – 7 tal-atti
[13] Art. 873(1) tal-Kap 12

mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[14]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[15];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[16]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħda tibża' l-parti rikorrenti, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrenti jidher li għandha fil-waqt li ħarġet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, għal dak li jirrigwarda l-element tal-jedd "*prima facie*" li Gort tistrieħ fuqu, l-għaref difensur ta' Gort fisser li dan jikkonsisti fin-nuqqas ta' opportunità li Gort titħalla tħares il-jeddijiet tagħha kemm dwar il-ħlas tal-kreditu dovut lilha minn Topaz u kif ukoll il-proċedura li kienet ġiet proposta sa minn xhur qabel dwar kif tali djun jinbidlu fi ħruġ ta' ishma fil-kumpannija;

Tqis li l-ilment ta' Gort ma jixhidx tabilħaqq ksur ta' xi jedd mad-daqqa t'għajn. Kif jgħidu l-intimati fit-Tweġiba tagħhom, il-fatt li ttieħdu deċiżjonijiet fi ħdan il-kumpannija fuq is-saħħa tal-vot tal-azzjonist maġġoritarju, ma jfissirx b'daqshekk biss li l-jeddijiet tal-azzjonist minoritarju qegħdin jintrifsu taħt is-saqajn. Il-kejl u s-saħħa relattiva li Gort u ARF

---

[14] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[15] Art. 875(3) tal-Kap 12
[16] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

għandhom f'Topaz kien il-frott tal-qbil bejniethom meta sawru l-kumpannija u minn dak li joħroġ mill-istatut tal-assoċjazzjoni tagħha. Huwa mistenni li, fejn deċiżjonijiet fi ħdan l-organi ta' Topaz, jittieħdu b'vot, is-saħħa relattiva kif toħroġ mill-memorandum x'aktarx tkun riflessa f'tali vot. F'dan l-istadju tal-proċedura li tiddeċiedi mad-daqqa t'għajn, il-fatt waħdu li l-azzjonist maġġoritarju għandu ċerta fehma u jrid isegwi l-proċeduri stabbiliti fl-istatut tal-assoċjazzjoni, ma jistax jingħad li jikkostitwixxi mġiba bi ksur tal-liġi jew li hija maħsuba biex iġġib ħsara mhux xierqa lill-azzjonist minoritarju. Minbarra dan, il-fatt li l-Qorti twaqqaf milli jissejħu laqgħat tal-kumpannija ma jħarisx il-jeddijiet ta' Gort, għaliex iwassal biex Topaz tistaġna u ma tkunx f'qagħda li tieħu deċiżjonijiet meħtieġa;

Tqis ukoll li jedd mad-daqqa t'għajn għall-finijiet tal-ħruġ ta' Mandat ma jistax ikun mibni fuq sempliċi "suspett" tal-parti rikorrenti, sewwasew minħabba li jrid ikun jidher bħala jedd aċċertat u mhux bħala riperkussjoni negattiva ta' mġiba li mhix fiha nnifisha ċensurabbli. Għall-kuntrarju, minn dak li seħħ wara li din il-Qorti laqgħet b'mod provviżorju t-talba għall-ħruġ tal-Mandat, Gort innifisha nqdiet b'din il-qagħda biex ippruvat tmexxi 'l quddiem laqgħat ta' organi ta' Topaz bil-għan ċar li tgħaddi riżoluzzjonijiet u jittieħdu deċiżjonijiet li hija kienet tikseb minnhom fl-interessi tagħha;

Tqis li t-tfittxija tal-jedd mad-daqqa t'għajn trid issir b'mod pożittiv fl-identifikazzjoni ta' jedd li l-parti rikorrenti tista' tinvoka b'azzjoni u li tista' tinforza kontra l-part intimata, u mhux sempliċement billi tressaq 'il quddiem il-konsegwenzi negativi li jistgħu jinħalqu li kieku t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tintlaqax;

Tqis li l-liġi nnifisha[17] tagħti rimedju alternativ lil azzjonist li jkun ġarrab preġudizzju mhux ġust u fost ir-rimedji effettivi wieħed isib l-għoti ta' ordni mill-Qorti xierqa ta' restrizzjoni jew projbizzjoni ta' xi att propost[18]. Għalhekk, kif sewwa jissottomettu l-intimati, jekk Gort tassew qiegħda tibża' mill-konsegwenzi tas-sejħa ta' laqgħat (straordinarji) ġenerali ta' Topaz u t-teħid fihom ta' xi deċiżjonijiet, hija għandha tfittex rimedju mod ieħor imma żgur mhux dak li twaqqaf lil Topaz milli tagħmel dak li l-liġi tagħtiha s-setgħa li tagħmel;

Tqis li, dwar l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat, jonqos ukoll tali rekwiżit f'ċirkostanza bħal din, għaliex Gort ma seħħilhiex turi kif il-ħsara mġarrba bis-sejħa ta' laqgħat ġenerali eventwali se jġibhulha ħsara li ma

[17] Art. 402 tal-Kap 386
[18] Art 402(3)(b) tal-Kap 386

tistax titreġġa' lura[19]. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[20], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Dan joħroġ aktar u aktar fid-dawl tar-rimedju integrattiv mogħti mil-liġi[21], f'każijiet bħal dawn li kieku kellu tassew jirriżulta li l-jeddijiet ta' Gort bħala azzjonist minoritarju ta' Topaz kienu mirfusa b'mod oppressiv jew inġust[22];

Tqis, għalhekk, li Gort ma seħħlilhiex turi li jeżistu l-elementi meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet** tal-kumpannija rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat, bl-ispejjeż kontra tagħha, billi ma jirriżultawx ir-rekwiżiti meħtieġa għall-ħruġ tiegħu, u għalhekk tħassar *contrario imperio* d-degriet tagħha tas-6 ta' Awwissu, 2020, safejn kienet laqgħet it-talbiet b'mod provviżorju.

Mogħti kameralment illum, it-Tnejn, 31 ta' Awwissu, 2020.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

---

[19] Ara P.A. MCH **31.1.2013** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Suzanne Busuttil et noe vs Francis Busuttil & Sons Ltd. et***
[20] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***
[21] Art. 402 tal-Kap 386
[22] App. Ċiv. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul utrinque*** (Kollez. Vol.: **LXXXVII.ii.39**)